MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Numru. 404/2005

IL-PULIZIJA

(Spettur Johann J.Fenech)

vs

Stephen Portelli

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stephen Portelli, ta’ 26 sena, bin Carmelo u Carmen nee’ Mangion, imwieled Pieta fid-19 ta’ Ottubru, 1977 u residenti 4, Triq Dun Mikiel Cassar, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 541877(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fit-12 ta’ Ottubru 2004 fiz-Zejtun ghall-habta tad-21.15 hrs, bil-hsieb li jaghmel ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Francois Zammit, Dennis Camilleri, Nathaniel Barbara, u Joseph Barbara miz-Zejtun, wera dan il-hsieb b’atti esterjuri li taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, meta saq fid-direzzjoni ta’ l-istess persuni bil-vann ta’ l-ghamla Ford Escort bin-numru BAP 727, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta tieghu;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fil-professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, habat ma vettura ta’ l-ghamla Ford Escort bin-numru JAM 889 u involontarjament ikkagunalha hsarat li jammontaw ghal LM62 ghad-dannu ta’ Joseph Barbara miz-Zejtun;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bi kliem lil Francois Zammit, Dennis Camilleri, Nathaniel Barbara u Joseph Barbara miz-Zejtun;

4. Fl-istess data, lok, u hin kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u storbju jew mod iehor;

Il-Qorti kienet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, timpedixxi lill-akkuzat li jkollu jew li jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq kif ukoll tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta ta’ Francois Zammit, Dennis Camilleri, Joseph Barbara u l-familja tieghu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta’ Mejju 2005 (esebit a fol. 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fl-udjenza tat-3 ta’ Novembru 2006 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegata glieda li sehhet bejn membri familjari fit-12 ta’ Ottubru 2004 fi Triq Granmastru Perellos, iz-Zejtun u cioe bejn l-imputat min-naha l-wahda u bejn Francois Zammit, Dennis Camileri, Nathaniel Barbara u Joseph Barbara, li huma lkoll membri tal-familja tal-mara tal-imputat, min-naha l-ohra. Mill-provi rrizulta li fiz-zmien tal-allegat incident l-imputat u martu kellhom xi problemi bejniethom u jidher li il-glieda in dizamina inqalghet propju minhabba dawn il-problemi. Mil-provi rrizulta li meta l-Pulizija marret fuq il-post tal-allegat incident wara li kienet irceviet rapport dwar glieda l-affarijiet kienu kwietaw u l-Pulizija sabu lill-imputat fuq il-post bil-windscreen tal-vettura tieghu imkisser u talbuh imur l-Ghassa sabiex jitkomplew l-investigazzjonijiet. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Johann Fenech, kif ukoll mix-xhieda tal-allegati vittmi jirrizulta li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfronti ta’ dawn tal-ahhar b’riferenza ghall- glieda li tifforma l-mertu tal-kaz odjern fejn huma ammettew l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u gew misjuba hatja tal-istess akkuzi. Kopja tas-sentenzi relattivi qatt ma gew esebiti f’dawn il-proceduri izda hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d–Difza kemm dwar il-fatt li tiehdu dawn il-proceduri kif ukoll dwar l-ezitu tal-istess proceduri.

Irid jinghad li l-provi rigward id-dinamika tal-glieda de quo huma skarsi ferm stante li kien hemm certu riluttanza min-naha tal-allegati vittmi li jaghtu l-verzjoni tal-fatti taghhom dwar dak li gara jew dwar dak li seta’ ghamel l-imputat. L-uniku xhud li jista’ jitqies li jitfa’ xi dawl dwar dak li seta’ gara huwa Nathaniel Barbara li xehed fl-udjenza tat-22 ta’ Novembru 2007 fejn dan qal li f’data li ma jiftakarhiex kien qieghed flimkien ma Francois Zammit u Dennis Camilleri f’garaxx iz-Zejtun meta mar l-imputat bil-vettura tieghu, semghu xi ghajjat barra u meta hargu barra ra lill-imputat

gej bil-vann tieghu ghal fuq Francois u Claudette Zammit u sussegwentement ghal fuq Joseph Barbara. Dan ix-xhud jghid li Joseph Barbara kellu jitla' fuq ir-*roundabout* sabiex jevita il-vettura tal-imputat u mbaghad tefa' gebla fuq il-vettura tal-imputat sabiex ibezzghu u dan jitlaq minn fuq il-post. Nathaniel Barbara jghid li fuq il-post kien hemm vettura li garbet xi hsara izda jghid li ma jafx ta' min kienet din il-vettura. Ix-xhud jispjega li l-imputat ma laqat lil hadd meta resaq lura bil-vettura.

F'dawn il-proceduri xehdu anki Joseph Barbara u Francois Zammit izda dawn qalu li ma kienu jiftakru xejn dwar dak li kien gara u Joseph Barbara addirittura qal li ma kienx jiftakar li giet kagunata xi hsara fil-vettura tieghu mill-imputat. Joseph Barbara qal ukoll li kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li ttenta jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Francois Zammit, Dennis Camilleri, Nathaniel Barbara u Joseph Barbara, kif ukoll li kkaguna hsara involontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAM 889 ghad-dannu ta' Joseph Barbara, kif ukoll li hedded bi kliem lil Francois Zammit, Dennis Camilleri, Nathaniel Barbara u Joseph Barbara u li kiser il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied.

Il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat bl-ebda mod ma jista' jinghad li jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In kwantu jirrigwarda it-tieni akkuza, u cioe' dik fejn l-imputat jinsab akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni nvolontarjament ikkaguna hsara fil-vettura propjeta ta' Joseph Barbara, kien hemm ir-rinunzja ghall-azzjoni kriminali da parti tal-parti civili Joseph Barbara. In kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza, kif diga' intqal aktar 'il fuq, l-unika xhud li ta l-verzjoni tal-fatti dwar x'seta' gara fl-allegata glieda kien Nathaniel Barbara fejn dan qal li l-imputat kien saq ghal fuq Francois u Claudette Zammit u mbaghad ghal fuq Joseph Barbara. Dan ix-xhud izda naqas milli jindika id-data meta sehh l-allegat incident u

anki l-post u l-hin u inoltre fil-fehma tal-Qorti huwa xehed b’mod pjuttost vag dwar kif sehhew l-affarijiet u ix-xhieda tieghu thalli dubji serji dwar dak li effettivament seta’ gara u ovjament tali dubju ghandu jimmilita favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------